MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1027/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**JENNIFER MANGION**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jennifer Mangion ta' 25 sena, bint Alfred Mangion u Georgina Jane nee' Cauchi,mwielda Pieta nhar l- 20 ta' Ottubru 1983, residenti fil- fond Blk 2 Flt 16, Triq id-Deheb Fin, Qormi, u detentrici tal- karta tal- identita' bin-numru 530083M;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1) Talli nhar it- 18 ta’ Ottubru 2008 ghal habta ta’ 04.00 fi Triq il- Kbira, San Guzepp, Hamrun, volontarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, billi ghamlet hsara fuq vettura tal- marka Peugeot 206 bin- numru tar- registrazzjoni VIP 206, liema hsara tiskorri €116.47 izda mhux €1164.7 ghad- dannu ta’ Fabrizio Runza mil- Hamrun;

2) akkuzata ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b’ghajjat u glied;

3)  akkuzata ukoll talli fl- istess jum, lok u cirkostanzi ghamlet griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Simone Abela u Melanie Bezzina kif gie certifikata minn Dr Jeffrey Bonnici mit- taqsima tal- emergenza tal- Isptar Mater Dei u Dr M Schembri mic- Centru tas- Sahha tal- Furjana rispettivament.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni taghha;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325(c ), 338 (dd), 221 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed isib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti tordna lill-imputata thallas is-somma ta’ hames mija u wiehed Ewro u wiehed u sittin centezmu ( €501.61) fi zmien hames (5) xhur lil Fabrizio Runza ai terminu tal-Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti inoltre tordna hrug ta’ garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal sena favur Fabrizio Runza u Simone Abela, taht penali ta’ mitejn u hamsin Ewro (€250) fin-nuqqas.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------